MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 143/2010/1

**Zarb Coaches Limited (C28927)**

**vs**

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

Il-Qorti

Rat li fid-19 ta' Dicembru 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza preliminari fil-kawza fl-ismijiet premessi:-

"Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' rikorrenti talbet sabiex l-Awtorita' intimata tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas l-ammont ta' tlett elef disa' mija wiehed u sebghin ewro (€3,971) rapprezentanti danni subiti mis-socjeta' rikorrenti meta l-coach tat-tip Volvo bin-numru ta' registrazzjoni LCY 977 intlaqat minn sigra li nqalghet fi Triq l-Buqana, Rabat, Malta, b'konsegwenza

tal-fatt li l-istess sigra ma kienitx imhawwla sew. Il-konvenut hu responsabbli ghall-imsemmija danni stante li l-konvenut hu responsabbli ghaz-zamma tat-triq fejn sehh l-incident ‘de quo’.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali datat 11 ta’ Gunju 2009 oltre l-imghaxijiet legali konteggjati mid-data ta’ din l-istess ittra ufficjali sal-jum ta’ l-effettiv pagament kontra l-Awtorita’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Awtorita’ intimata (fol 9 tal-istess atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi l-Awtorita’ intimata tirrespingi l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet fl-konfront taghha bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghas-segwenti ragunijiet:

Illi in linea preliminari, l-Awtorita’ intimata mhix il-legittimu kuntradittur peress illi mhiex l-entita’ responsabbli ghas-sigar mhawwla fit-triq in kwistjoni u lanqas ghallmanteniment taghhom.

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-incident in kwistjoni gara f’force majeure peress illi kif stqarr l-istess attur fl-ittra ufficjali tal-11 ta’ Gunju 2009, ‘l-coach tat-tip Volvo bin-numru ta’ registrazzoni LCY-977 intlaqat minn sigra li inqalghet bir-rih fl-istess triq.

Illi l-Awtorita’ intimata diga’ nfurmat lill-attur bil-posizzjoni taghha f’din il-kwistjoni peress ta’ risposta ghall-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija u ghalhekk l-attur ghandu jbaghti l-ispejjez kollha relattivi.

Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni reklamati huma eccessivi u qed jigu kkontestati.

Salv eccezzonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur, inkluzi l-ispejjez koncernati rrisposta ta’ l-Awtorita intimata ghall-ittra ufficjali tal-attur datata 11 ta’ Gunju 2009.

Rat il-lista tax-xhieda annessa mal-istess nota tal-eccezzjonijiet.

Rat dak verbalizzat a fol 11 tal-istess atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan l-istadju, ser tigi deciza l-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa mill-Awtorita' intimate, L-Awtorita' thoss li l-imsemmija eccezzjni hi ta' natura preliminari u permezz taghha l-istess Awtorita' teccepixxi li hi mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

Illi fir-rigward tal-istess eccezzjoni gew prodotti provi biss minn naha tal-Awtorita' biss, u dawn il-provi huma, fil-qosor is-segwenti;-

a) Il-Perit Edric Micallef (fol 16 ibid) il-'manager' tal-istess Awtorita beda billi qal, in rigward 'minn huwa responsabbli ghas-sigar li jinsabu fuq it-toroq ta' Malta', illi 'L-entita' governattiva hija l-Ministeru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali'. Dan il-Ministeru kienu inkarigaw bhala kuntrattur ghal dan l-iskop, lill-konsorju bl-isem ta' 'Environment and Landscape Consortium' ('E.L.C.').

Dwar l-Awtorita' din hi responsabbli mill-manutenzjoni ta' toroq arterjali u meta tkun qed taghmel xi xoghol ta' manutenzjoni fuq trIq ta' din il-kwalita' hi tinkariga lill-istess konsorzju sabiex jsir ix-xoghol ta' 'land-scaping' rikjest u mehtieg. In rigward it-triq fejn gara' l-incident in esami, din hi wahda arterjali u l-manutenzjoni tat-triq 'per se' trid issir mill-Gvern centrali izda l-konsorzju '… ghandu jiehu hsieb is-sigar kollha li jkun fuq din it-triq'.

b) Michael Mercieca li jippresjedi l-'Malta Embellishment and Landscaping Project' (fol 18 ibid) spjega li din l-entita, hi inkarigata, bhala ufficju governattiv, sabiex tikkontrolla l-

konsorzju msemmi. L-istess xhud esebixxa l-ftehim li sar bejn l-Gvern (l-imsemmi Ministeru u dak tal-Finanzi) u l-istess konsorzju' li gie ffirmat fil-31 ta' Ottubru 2002 u estiz matul, Awissu 2007. Permezz ta' dan il-ftehim, ix-xhud ikkonferma illi, in rigward toroq arterjali, il-manutenzjoni ta' sigar hi rresponsabbilta' tal-Gvern Centrali izda delegat lill-konsorzju . L-istess ftehim, kif estiz, jinsab anness ma' l-atti a fol 23 u fol 49 et seq ibid) (ara b'mod specjali fol 29 ibid taht 'maintenance works' paragarfu 7.2 (iii) dwar 'the maintenance of major thoroughfares…..'.

c) L-istess Awtorita' esebiet in atti kopja ta' ittra ufficjali mibghuta mis-socjeta' rikorrenti lill-istess Awtorita' u minnha jidher li din l-Awtorita' giet interpellata sabiex thallas l-ammont mitlub in konnessjoni mal-incident in esami li gara fil-25 ta' Novembru 2008. Fl-istess ittra ufficjali jinghad li l-Awtorita ghandha thallas ghad-danni sofferti '… bhala l-entita responsabbli ghaz-zamma ta' Triq il-Buqana …'. Fir-risposta relattiva, din it-talba giet respinta peress li '… l-intimat mhix l-entita responsabbli ghas-sigar u …..'.

Ikkunsidrat:-

Illi s-socjeta' rikorrenti ma ssottomettiet ebda prova izda ghamlet referenza ghall-Att numru XXIII tas-sena' 2000 li emenda l-Kapitolu 332 tal-Ligijiet ta' Malta u li jirregola l-istess Awtorita' b'mod specjali l-artikolu 2(m) fejn hemm definizzjoni ta' 'triq'. Skond l-imsemmija definizzjoni din tinkludi '…central stips, roundabouts , traffic islands, footways and pavements' u 'the foundations, sub-surfaces and surface dressing thereof." L-artikolu 4 tal-istess Kapitolu jipprovdi li fost il-funzjonijiet tal-Awtoirta hemm 'to occupy, construct, reconstruct, administer, maintain, repair and restore roads…'

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher car x'inhi l-kontestazzjoni inkluza fl-ewwel eccezzjoni cjoe' liema hi l-awtorita' pubblika responsabbli mill-manutenzjoni tal-post fejn kienet

imhawla s-sigra li allegatament ikkagunat id-danni in kwestjoni.

Hu minnu li mill-imsemmija provi jirrizulta li tali manutenzjoni tidhol fil-mansonijiet tal-Ministeru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali, li da parti tieghu ddelega tali manutenzjoni lill-konsorzju msemmi. L-Awtorita' li qed tigi citata f'din il-kawza, mill-imsemmija provi gandha l-funzjoni ta' tali manutenzjoni izda ghandha l-'status' ta' korporazzjoni pubblika fondata b'ligi 'ad hoc' u li, fost il-funzjonijiet li nghatat hemm dik ta' dak kollu li jinvolvi toroq arterali u l-kostruzzjoni taghhom kif hawn fuq premess.

Jidher ghalhekk li l-Awtorita' intimata ma hiex il-legittimu kontrodittur peress li kif di gja nghad id-danni mitluba allegatament gew kawzati min sigra li … "ma kienetx imhawla sew." Fil-fatt jidher li, ghalhekk, il-legittimu kontradittur ghandu jkun, fil-fehma tal-Qorti, il-Ministeru hawn fuq imsemmi u/jew il-konsorzju msemmi. Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' l-ewwel (1) eccezzjoni in esami u tillibera lill-Awtorita' intimata mill-osservaza tal-gudizzju.

In rigward l-ispejjes, dawn ghandhom jkunu minghajr taxxa bejn il-partijiet."

Rat li s-socjeta'rikorrenti appellanti hassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u interponiet appell minnha quddiem din il-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta' appellanti fejn gie sottomess:-

Illi permezz ta' Rikors preżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) is-soċjetà esponenti talbet il-kundanna tal-Awtorità appellata għall-ħlas tal-ammont ta' €3,971, oltre l-imgħaxijiet u l-ispejjeż, rappreżentanti danni subiti mis-socjetà esponenti meta l-coach tat-tip Volvo bin-numru ta' registrazzjoni LCY-977 intlaqat minn siġra li inqalgħet fi Triq il-Buqana, Rabat, Malta, b'konsegwenza tal-fatt li l-istess siġra ma kienetx imħawwla sew.

Illi tali talba saret fuq il-premessa li l-Awtorità konvenuta, issa appellata, hija responsabbli għall-imsemmija danni stante li hija responsabbli għaż-żamma tat-triq fejn seħħ l-inċident "de quo".

Illi l-Awtorità appellata eċċepiet illi:

1. Hija m'hijiex il-leġittima kontradittriċi tas-soċjetà esponenti stante li hija m'hijiex l-entità responsabbli għas-siġar imħawwla fit-triq in kwistjoni u lanqas għall-manteniment tagħhom; u

2. Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, l-inċident in kwistjoni ġara b'riżultat ta' force majeure peress illi l-coach in kwistjoni intlaqat minn siġra li inqalgħet bir-riħ fl-istess triq;

Illi l-kawża tħalliet għad-deċiżjoni fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità appellata;

Illi b'sentenza datata 19 ta' Diċembru 2011 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità appellata u illiberatha mill-osservanza tal-ġudizzju;

Illi s-soċjetà esponenti ħasset ruħha aggravata bl-imsemmija sentenza u għalhekk qed tinterponi il-preżenti appell mill-istess;

Illi l-aggravji tal-esponenti huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi hekk kif imfisser fis-sentenze appellata stess: "...mill-premess jidher ċar x'inhi l-kontestazzjoni inkluża fl-ewwel eċċezzjoni ċjoe min hi l-awtorità pubblika responsabbli mill-manutenzjoni tal-post fejn kienet imħawla s-siġra li allegatament ikkaġunat id-danni mitluba."[1]

L-ewwel Onorabbli Qorti qieset li tali funzjoni tappartjeni lill-Ministeru tar-Riżorsi u Affarjiet Rurali u/jew il-kuntrattur imqabbad minnu bl-isem ta' Environment and Landscape

[1] Ara sentenza appellata p. 4.

Consortium (ELC). Il-Qorti waslet għal tali konklużjoni fuq il-bażi ta’ dak li xehedu il-Perit Edric Micallef u Michael Mercieca prodotti mill-Awtorità appellata. Il-Qorti straħet ukoll fuq il-kontenut ta’ kuntratt bejn l-imsemmi Ministeru u l-ELC li bih l-ELC ġiet ingaġġata sabiex twettaq xogħol ta’ tħawwil ta’ siġar f’toroq pubbliċi;

L-esponenti tissottometti bir-rispett illi r-responsabiltà legali ma tistax tiġi determinata mill-opinjoni ta’ xi xhud jew altrimenti fuq il-bażi ta’ kuntratt li, fl-aħħar mill-aħħar, huwa res inter alios acta bejn il-partijiet kontraenti fuq l-istess kuntratt;

L-esponenti tissottometti li r-responsabiltà legali temani minn dak li tipprovdi l-Liġi u xejn aktar u kien proprju għalhekk li l-esponenti straħet fuq id-dispost tal-Att XXIII tal-2000 (L-Att biex jemenda l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku). Eventwali arranġamenti interni bejn Ministeri u kuntratturi privati huma, bir-rispett kollu dovut, għal kollox irrilevanti;

L-Att XXIII tal-2000 (il-liġi viġenti fiż-żmien tal-inċident) jagħti definizzjoni tal-kelma “triq” u jipprovdi li din tinkludi:

“(b) il-karreġġata tagħha kif ukoll kull konfini jew spazju apert pubbliku ieħor adjaċenti u anċillari għaliha, inklużi l-marġini laterali, central strips, roundabouts, traffic islands, mogħdijiet pedonali u bankini.”

M’għandux ikun hemm dubju li s-siġra li kkaġunat l-inċident in kwistjoni kienet imħawwla fit-triq hekk kif imfissra fl-Att XXIII tal-2000.

L-Ewwel Onorabbli Qorti qieset illi minkejja li s-siġra in kwistjoni kienet imħawwla fit-triq, l-Awtorità appellata ma kienetx il-leġittima kontradittriċi tal-esponenti billi x-xogħol ta’ tħawwil tal-istess sar mill-ELC ai termini tal-ftehim iffirmat mal-Ministeru tar-Riżorsi u Affarjiet Rurali;

Iżda l-Qorti injorat għal kollox id-dispost tal-Artikolu 8(a) tal-Att XXIII tal-2000 li jipprovdi li:

"(1) L-Awtorità jkollha dawn il-funzjonijiet li ġejjin:-
…

(b) li tokkupa, tibni, tibni mill-ġdid, tamministra, tagħmel manutenzjoni, issewwi u tirristawra toroq u tipprovdi jew tiżgura provdiment għal dan kollu kif ukoll li tipprovdi jew tiżgura provdiment ta' servizzi għal dawk l-għanijiet u timmaniġġja u tikkontrolla kull xogħol meħtieġ, inkluż l-ippjanar u l-ipprogrammar relattiv u l-ippjanar u l-ipprogrammar għall-bini u l-iffurmar mill-ġdid tax-xibka ta' toroq eżistenti, maġini stradali u arei allokati għall-utilitajiet."

M'għandux ikun hemm dubju li l-amministrazzjoni, manutenzjoni, tiswija, restawr ta' toroq pubbliċi u l-immaniġġjar u l-kontroll tax-xogħolijiet relattivi jaqa' b'disposizzjoni espressa tal-Liġi taħt ir-responsabiltà unika tal-Awtorità appellata.

Ix-xogħol ta' tħawwil ta' siġar f'toroq pubbliċi jaqa' għalhekk fil-funzjonijiet tal-Awtorità appellata in kwantu jikkwalifika bħala parti mill-amministrazzjoni u manutenzjoni ta' toroq pubbliċi u għalhekk l-Awtorità appellata hija ai termini tal-liġi responsabbli għall-immaniġġjar u l-kontroll tax-xogħolijiet relattivi.

Il-fatt li, għal xi raġuni, ix-xogħol relattiv twettaq minn Ministeru tal-Gvern tramite kuntrattur privat imqabbad minnu ma jwassalx biex jeħles lill-Awtorità appellata mir-responsabiltà li temani mill-obbligi li l-liġi tqiegħed fuqha.

Siġra mħawwla fit-triq pubblika tiġi integrata fl-istess triq b'effett tal-prinċipju ċivili tal-aċċessjoni u għalhekk taqa' taħt ir-responsabiltà tal-Awtorità appellata.

L-esponenti tissottometti għalhekk, illi kemm-il darba tinqala' siġra li tkun imħawwla fi triq pubblika, għax din ma tkunx imħawwla sew, u din tagħmel ħsara fi proprjetà privata, ir-responsabiltà għad-danni relattivi taqa' fuq l-istess Awtorità appellata bħala l-entità pubblika responsabbli ex lege għall-amministrazzjoni, manutenzoni, tiswija eċċ tal-istess triq.

Il-fatt li x-xogħol ta’ tħawwil ikun sar minn kuntrattur privat b’delega minn Ministeru li ma jkollu assolutament xejn x’jaqsam ma’ dana kollu huwa għal kollox irrilevanti.

Ma rridux ninsew li fi kliem l-Ewwel Onorabbli Qorti stess, il-kwistjoni li għandha tiġi deċiża għall-finijiet tal-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-Awtorità appellata kienet proprju id-determinazzjoni ta’ “min hi l-awtorità pubblika responsabbli mill-manutenzjoni tal-post fejn kienet imħawla s-siġra”.[2] Ai termini tal-liġi tali entità hija l-Awtorità appellata.

F’dan il-kuntest issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Fiorino d’Oro v. Direttur tat-Toroq,[3] fejn ġie ritenut li:

“Il-Gvern lanqas ma jista’ jfarfar ir-responsabilità billi jgħid li għal dak li ġara u qed jiġri fl-inħawi hu mhux responsabbli għax qabbad lill xi ħadd ieħor iwettaq il-proġett. Huwa l-Gvern li ħa l-inizjattiva biex tiġi rranġata din it-triq (kif inhu dritt u obbligu tiegħu) u hu l-Gvern li għoġbu jgħaddi dan il-proġett f’idejn terzi. Iċ-ċittadin mhux interessat fil-kondizzjonijiet tal-appalt bejn il-Gvern u l-kuntrattur, għax hu l-Gvern li, f’għajnejn il-poplu, hu responsabbli għat-tiswija u l-upkeep tat-toroq prinċipali ta’ Malta.”

Mis-silta appena ċitata joħroġ bl-aktar mod ċar l-iżball imwettaq mill-ewwel Onorabbli Qorti meta straħet fuq il-kontenut tal-kuntratt bejn il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarjiet Rurali u l-ELC sabiex iddeterminat min, skond hi, kellu jkun il-leġittimu kontradittur tal-esponenti. zgur għalhekk li l-ELC m’hijiex il-leġittima kontradittriċi tal-esponenti.

Lanqas ma huwa leġittimu kontradittur il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarjiet Rurali proprju għaliex l-Att XXIII tal-2000 jiddisponi mod ieħor u ma jispettax lill-eżekuttiv tramite arranġamenti interni li jbiddel dak li tiddisponi liġi promulgata mill-Parlament.

[2] Sentenza appellata p. 4.
[3] PA1781/2001TM de`. 16/1/2003 konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta’ Frar 2006.

F'dan is-sens hija relevanti s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Raymond Fenech et v. Kunsill Lokali Zebbuġ et,[4] fejn ġie ritenut li:

"Bil-fatt li l-Kunsill Lokali Zebbuġ assuma r-responsabbilità sħiħa tal-ġestjoni tal-"playing-field" fejn seħħ l-inċident per via ta' avviż legali, jiġifieri ope legis, b'daqstant l-istess Kunsill ma ġiex eżentat milli jerfa' l-piż sħiħ li tali inkariku kien jimporta. Darba li dan il-konvenut appellant assuma dan l-inkariku, imqar jekk ope legis, huwa xorta waħda jibqa' tenut legalment responsabbli."

Funzjoni pubblika li tinsorġi ope legis tpoġġi fuq il-funzjonarju pubbliku oneru fil-forma ta' "l-piż sħiħ li tali inkariku kien jimporta" li kjarament jesponi lil tali funzjonarju għal responsabiltà aquiliana kemm-il darba kellu jirriżulta xi nuqqas fil-qadi ta' tali funzjoni.

Issa fil-każ preżenti, b'effett tal-Att XXIII tal-2000 ir-responsabiltà ope legis għall-amministrazzjoni, manutenzjoni, tiswija, restawr ta' toroq pubbliċi u l-immaniġġjar u l-kontroll tax-xogħolijiet relattivi kienet, fiż-żmien tal-inċident, u għadha sa llum stess, taqa' fuq l-Awtorità appellata.

Minn imkien ma jirriżulta li b'xi mod il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarjiet Rurali kellu tali responsabiltà u huwa proprju għalhekk li l-kontenut tal-kuntratt bejn il-Ministeru u l-ELC huwa għal kollox irrilevanti fil-kuntest tal-kawża odjerna.

Barra minn hekk, b'effett tal-pronunzjament kontenut fis-sentenza fl-ismijiet Fiorino d'Oro v. Direttur tat-Toroq l-anqas ma' tista' l-Awtorità appellata tipprova teħles mir-responsabiltajiet tagħha billi tgħid li x-xogħol ta' tħawwil twettaq mill-ELC.

Fil-konfront tal-esponenti ir-responsabiltà għad-danni minnha subiti taqa' in toto fuq l-Awtorità appellata.

[4] App. 1971/1995 de`. 6/7/2007.

Għalhekk is-socjeta' appellanti, filwaqt li ghamlet referenza għall-provi prodotti in prim' istanza u għal dawk produċibbli f'dan l-istadju tal-appell, talbet li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata u tirrimetti l-atti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex il-kawża tiġi deċiża fil-mertu.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-Appell tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta fejn gie sotomess:-

Illi s-sentenza appellata fl-ismijiet fuq premessi, deciza fid-19 ta' Dicembru 2011 mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta), hija gusta u timmerita konferma ukonsegentement l-appell interpost mis-socjeta' appellant ghandu jigi michud fl-interita' tieghu bl-ispejjez taz-zewg istanti kontra taghhom;

1. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-aggravji tas-socjeta' appellant huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost , il-provi li resqet l-Awtorita' appellata in sostenn tal-eccezzjoni preliminary taghha li hija mhiex il-legittimu kontradittur f'dina l-kawza, liema provi qatt ma gew kontestati, ma jhallu ebda ombra ta' dubju li effettivament il-legittimu kontradittur f'dina l-kawza kellu jkun il-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali u/jew l-Environment and Landscape Consortium. Is-socjeta' appellant kellha kull opportuita' li tirregola l-posizzjoni taghha imma ghal xi raguni webset rasha li hija l-Awtorita' appellate responsabbli ghall-allegat incident de quo.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' appellant ma resqet ebda proa biex turi li effettivament kellu jigi attribwit lill-Awtorita' appellate xi htija minhabba xi azzjoni jew inazzjoni taghha stess.
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi nnutat li fil-kamp civil huwa llum principju ben stabbilit li f'dak li ghandu x'jaqsam ma'apprezzament tal-provi l-Qorti tal-Appell, fil-kapacita' taghha ta' qorti ta' revizjoni , ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel

Qorti sakemm ma jkunx hemm xi raguni li tiggustifika tali rieezami. Kienet il-Qorti tal-Appel stess li bosta drabi ppronuncjat ruhha b'tali mod – 'Din il-Qorti tibda billi tosserva li hija prassi ormai stabbilita li fin-nuqqas ta' provi li juru li tezisti raguni jew ragunijiet serji u gravi bizzejjed li jiddettaw mod iehor, din il-Qorti tat-tieni grad kemm jista' jkun ma tiddisturbax dak l-apprezzament u evalwazzjoni tal-provi li jkunu saru mill-ewwel Qorti, u li, allura, tkun qieghda fl-ahjar qaghda li tisma', tikkontrolla u tevalwa l-istess provi u xhieda prodotta u mismugha quddiemha.' (Laura Seguna et vs Francis Mallia er deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) 27 t'April 2001).

Illi dwar x'jiggustifika li l-Qorti tat-tieni grad tiddisturba l-apprezzament tal-provi hekk kif maghmul mill-Ewwel Qorti, il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-kawza Brigitte Vella pro et vs Richard Vella (deciza 5 t'Ottubru 2001) ppronuncjat ruhha fis-sens li tkun lesta taghmel dan "jekk din il-Qorti ta' revizjoni tkun soddisfatta li huwa b'dan il-mod biss li tkun tista' tikkoregi ingustizzja manifesta", pozizzjoni li l-istess Qorti tal-Appell regghet tenniet fid-decizjoni taghha moghtija fl-istess data fl-ismijiet Paul Formosa vs Salvu Debono.

Illi applikati dawn il-principji ghall-apprezzament tal-provi hemm kif maghmula mill-Qorti tal-Ewwel Grad johrog bic-car li ma hemmx lok ghal riezaminazzjoni tal-istess.

Ghalhekk l-Awtorita' appellata, filwaqt li ghamlet referenza ghas-suespost u filwaqt li rriservat li ggib provi ohra skond il-ligi, talbet li din il-Qorti joghgobha tichad it-talbiet tas-socjeta' appellanti

Rat l-atti l-ohra kollha tal-appell kif ukoll l-atti kompilati quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Semghat it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) li biha giet akkolta l-eccezzjoni tal-Awtorita' appellata fis-sens li hi mhux il-legittimu kontradittur fil-presenti proceduri u konsegwentement l-istess Awtorita' appellata giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

L-aggravju tas-socjeta' appellanti essenzjalment jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti sabet li l-funzjoni tal-manutenzjoni tat-triq fejn kienet imħawla s-siġra li allegatament ikkawsat id-danni in kwestjoni tispetta lill-Ministeru tar-Riżorsi u Affarjiet Rurali u lill-kuntrattur imqabbad mill-istess Ministeru cioe' l-Environment and Landscape Consortium (ELC). L-ewwel Qorti wasslet ghal din il-konkluzjoni wara li qieset id-deposizzjonijiet ta' varji xhieda kif ukoll qieset it-termini u kondizzjonijiet ta' kuntratt li sar bejn l-imsemmi Ministeru u l-imsemmi kuntrattur. Dan il-kuntratt kien jirrigwarda t-twettiq ta' xogħol ta' tħawwil ta' siġar f'toroq pubbliċi.

Biex tigi rizolta din il-kwestjoni ghandu jigi stabbilit liema entita' hi legalment responsabbli ghal manutenzjoni tat-toroq inkluzi l-manutenzjoni tas-sigar fl-istess toroq u ghat-twahhil tal-istess sigar. Din ir-responsabilita', skond l-appellanti, temana mill-ligi u kwindi, dejjem skond l-appellanti, hu ghal kollox irrilevanti dak li seta sar minn xi ministeru jew li seta gie miftiehem bejn xi ministeru u xi kuntrattur.

Mill-provedimenti tal-Att XXIII tal-2000 jirrizulta ampjament li hi l-Awtorita' appellata li ghandha tigi ritenuta l-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri. In effett hemm provdut fl-imsemmi Att li l-fuzjonijiet tal-Awtorita' appellata jinkludu l-bini, l-amministrazzjoni, l-manutenzjoni u r-restawr tat-toroq f'Malta. M'hemmx dubju ghalhekk li huma ghal kollox irrilevanti konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti dwar ftehim li seta gie ffirmat minn Ministeru ma kuntrattur.

Min ghandu jigi ritenut li hu l-legittimu kontradittur f'dawn il-procediuri ma jistax jigi desunt mill-funzjonijiet li taqdi xi entita' tal-Gvern. Il-legittimu kontraditur hu indubbjament min skond il-ligi jaqdi l-funzjoni ta' sorveljanza u

manutenzjoni tat-toroq. Kwindi ma kienitx korretta l-ewwel Qorti meta ddecidiet li l-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri hu il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarjiet Rurali u l-kuntrattur imqabbad mil-istess ministeru. Jista jinghad facilment li skond il-ligi hi l-Awtorita' appellata li hi fdata bl-amministrazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija u r-restawr ta' toroq pubbliċi. Espressament il-ligi trid li l-kontroll tax-xogħolijiet relattivi ghal manutenzjoni tat-toroq ikun ir-responsabilita' tal-Awtorità appellata.

L-istess Att tal-2000 jaghti ukoll tifsira tal-kelma "triq" cioe' din tinkludi l-karreġġata ta' l-istess triq kif ukoll il-konfini tat-triq u kull spazju adjaċenti u anċillari ghall-istess triq inkluzi l-marġini laterali bhal mogħdijiet pedonali u bankini. Ghalhekk jirrizulta li l-post fejn kienet imhawla is-sigra in kwestjoni ghandu jitqies li hu parti mit-"triq" kif imfissra fl-imsemmi Att. Kif gia gie rilevat l-imsemmi Att jirregola il-funzjoni ta' min f'Malta hu responsabbli ghat-toroq u ghall-manutenzjoni tal-istess. Hi kwindi rilevanti ghall-kaz in ezami l-imsemmija tifsira li ghalhekk hi ukoll applikabbli ghal dan il-kaz. L-imsemmi Att jemenda l-Att dwar Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku, u, ghandu jinqara u jiftiehem haga wahda ma' l-imsemmi Att pricipali. B'dan l-att inghatat xejra gdida lill-istess Awtorita' li b'hekk ukoll giet rinforzata.

Hi ghalhekk f'postha s-sottomissjoni tas-socjeta' appellanti li hi r-responsabilita' tal-Awtorita' appellata f'kaz li jigri incident bhal dak in kwestjoni. Hu kompletament irrilevanti li x-xoghol ta' tahwil tas-sigra in kwestjoni ikun sar minn kuntrattur imqabbad minn Ministeru, li fil-fatt hu legalment estraneu ghall-istess xoghol. Hu ukoll irrilevanti li internament ikunu saru arrangamenti biex entita' governattiva tassumi xi responsabiliota fir-rigward tal-maniggjar tat-triq jew xi parti mill-istess triq. Il-ligi tiddisponi li r-responsabilita ghat-toroq hi tal-Awtorita' appellata.

L-Awtorita' appellata fir-risposta taghha tissottometti li sabiex l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, li l-Awtorita' appellata mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri, ghamlet apprezzament gust tal-provi. F'dan il-

kaz, pero’, sabiex jigi stabbilit min hu l-legittimu kontradittur ma kienx hemm bzonn li jsir xi apprezzamernt tal-provi stante li r-responsabilita’ tirrizulta “ope legis” li hi tal-Awtorita’ appellata. Ghallhekk l-appell tas-socjeta’ appellanti jimmerita li jigi akkolt u kwindi l-atti ta’ din il-kawza ghandhom jigu rinviati lil Qorti tal-Magistrati sabiex dik il-Qorti tissokta bis-smiegh tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tilqa l-appell u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata cioe’ dik tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta’ Dicembru 2011 u tordna li l-atti tal-kawza jintbghatu lura lill-ewwel Qorti sabiex din il-kawza tigi deciza skond il-ligi.

L-ispejjez ta’ dan l-appell jibqa bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------